# *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa*

# *Ta' Marija, Burmarrad*

**50 Sena Konsagrazzjoni**
**Tal-Knisja Parrokkjali**
**1964-2014**



*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Diċembru 2014 - Nru. 381*



# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Mhux l-ewwel darba li konna mistiedna għal xi festa ta' magħmudija ta' xi koppja miżżewġa. U aħna lqajna l-istedina u morna kif inħobbu nagħmlu. U propju dan ix-xahar għandna stedina speċjali, stedina biex infakkru t-Twelid ta' Ġesu' Bambin. U għalhekk il-mistoqsija toħroġ waħidha! Kif ser nilqgħu din l-istedina, b'divertiment biss, kartolini u siġar tal-Milied, ikel u xorb, stediniet u rigali?
X'irridu nagħmlu biex il-Milied ikun tassew ċelebrazzjoni Nisranija?

- ✰ Nippreparaw lilna nfusna spiritwalment bi QRARA TAJBA, li hi l-aħjar mezz ta' preparazzjoni.
- ✰ Dak kollu li tagħmel f'dan iż-żmien, bħal awguri, tiżjin tad-dar, preparazzjoni għall-ikla speċjali, tqassim tar-rigali u stediniet tagħmilhom bl-IMĦABBA u mhux bil-fanfarunati.
- ✰ Agħmel mezz biex il-QUDDIESA TA' NOFS IL-LEJL issib post fil-programm tiegħek u tal-familja tiegħek. Jekk le ħu ħsieb li f'Jum il-Milied issib ħin minn ġurnata sħiħa għall-Quddiesa u Tqarbina.
- ✰ Fittex li tkun tassew FESTA TAL-FAMILJA, mal-familja u fil-familja.
- ✰ Jekk f'qalbek għad hemm xi mibegħda lejn xi ħadd, qaċċat kollox u AĦFER.
- ✰ Tbissem u kellem lil kulħadd u jekk għandek xi membru tal-familja tiegħek marid/a, anzjan/a jew inkwetat/a, żuruhom.
- ✰ Aħseb fuq il-KOBOR TAL-MISTERU, meta Alla sar Bniedem għalik, għax iħobbok biex isalvak.

F'ismi u f'isem Patri Gwido u Patri Ġorġ, nawguraw lilkom ilkoll Milied tassew Nisrani u sabiħ u Sena mimlija Risq u Barka!

Tkunu mberkin!
P.Joseph Mamo ofm Conv.






***Il-Komunita' Franġiskana flimkien mal-Kunsill Parrokkjali u l-Kummissjonijiet tal-Parroċċa u l-Għaqdiet jawguraw Milied Qaddis u Sena mimlija paċi u ġid lil kulħadd.***

# ĦAJJA U ĦIDMA - Diċembru 2014



**It-Tnejn 1** Jum Dinji tal-Aids.

**L-Erbgħa 3** Jum il-Persuni b'Diżabilita'.

**Il-Ħamis 4** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar.

**Il-Ġimgħa 5** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'. Jum il-Volontarjat.

**Is-Sibt 6** Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija. Bazaar tal-Milied miftuħ il-ġurnata kollha, organizzat mill-Kumitat Festa. L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. 5.15pm Tibda l-adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar.

**Il-Ħadd 7** **It-Tieni Ħadd tal-Avvent** Fid-9.30am – Jibda nofs ta' nhar Irtir fiċ-Ċentru Parrokkjali organizzat mill-Kummissjoni Kateketika. Imexxi P.Thomas Calleja ofm.Conv. Fi tmiem l-irtir fil-11.00am tibda l-quddiesa. Imħeġġin biex nattendu! Jitkompla l-Bazaar tal-Milied.

**It-Tnejn 8** **Jum is-Solennita' tal-Immakulata Kunċizzjoni**. **Patruna tal-Ordni Franġiskan.** Quddiesa oħra fit-8.30am Fis-6.15pm - Konċelebrazzjoni Solenni mill-Komunita' Franġiskana. Il-Ħsieb isir minn P.Josef Pace ofm.Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'. Illum ma jkunx hemm duttrina.

**Il-Ħadd 14** **It-Tielet Ħadd tal-Avvent** Fl-10.30am Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Mill-15 sat-23 ta' Diċembru huma jiem tan-Novena tal-Milied. Fl-Avviżi ta' kull ġimgħa jingħataw aktar dettalji.**

**Is-Sibt 20** Fis-6.15pm – Quddiesa.
Fis-7.00pm - Kunċert mill-Joy Gospel Choir u ssir il-premjazzjoni tat-tfal li jattendu d-duttrina. Fit-tmiem ser jiġu mbierka l-Bambini u l-Presepji żgħar. Kulħadd jista' jattendi. It-tfal tad-Duttrina se jieħdu sehem fil-kant mal-Joy Gospel Choir.

**Il-Ħadd 21** **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**

**It-Tnejn 22** **Fis-6.**15pm It-tfal kollha huma mħeġġa sabiex jiġu għall-quddiesa, fejn wara nakkumpanjaw il-purċissjoni bil-Bambin akkumpanjat bil-Banda mat-toroq tal-Parroċċa. Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Magħsar, Triq Burmarrad sal-Knisja. Ejjew tfal ħalli wara l-purċissjoni nqassmulkom ħelu u rigali.

**L-Erbgħa 24** **Lejlet il-Milied** - Il-quddies ta' filgħodu jkun fil-5.30am u 6.15am. Mis-7.00pm sat-8.00pm – Servizz ta' Qrar.

10.30pm – Tiftaħ il-Knisja

11.00pm - Tibda l-Velja tal-Lejl tal-Milied u l-priedka tat-tifel.

12.00am - Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Komunita' Franġiskana bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'. Wara jsir Breakfast fiċ-Ċentru Parrokkjali. **Ibbukkjaw fis-sagristija.**

**Il-Ħamis 25** **Jum il-Milied. Il-quddies fis-6.00am, 8.30am u 6.15pm.**

**Il-Ġimgħa 26** Mis-6.30pm 'l quddiem il-judges jaraw l-isbaħ presepji u twieqi u armar għal kull min daħal fil-kompetizzjoni.

**Is-Sibt 27 l-Ħadd 28** **Solennita' tas-Sagra Familja**. L-aħħar weekend tax-xahar. Issir il-ġabra speċjali fil-Parroċċa. Inkomplu nkunu ġenerużi kif dejjem konna. Grazzi!

**It-Tnejn 29** Fit-3.30pm Party għat-tfal kollha tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ġenituri ħallu l-ismijiet tat-tfal fis-sagristija. Il-Ġenituri jistgħu jagħtu donazzjoni dak in-nhar.

**L-Erbgħa 31** Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni mill-Komunita' Franġiskana fejn jitkanta t-Te Deum u tingħata l-Barka Sagramentali. Janimaw bil-kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'. **F'din il-quddiesa tal-aħħar tas-sena l-ġabra tmur b'risq id-Dar tal-Providenza.**

# EJJA MULEJ GESU'



L-Avvent ifisser miġja, u l-Knisja tgħallimna li Ġesu' jiġi bi tliet modi.

***Jesus came in history, Jesus comes in mystery, and Jesus will come in majesty.***

**L-ewwel miġja** – Ġesu' twieled f'Betlemm elfejn sena ilu. Sa mill-ġnien tal-Eden Alla kien diġa' wiegħed Salvatur. Kemm stenna u xxennaq il-poplu Lhudi għal dan il-Messija mwiegħed! Imma Alla jieħu ż-żmien tiegħu biex iwettaq il-wegħdiet. Hieni min jibqa' jistenna u jittama, għax fl-aħħar jara s-Salvatur! Għandi bżonn Salvatur f'ħajti, jien li naħseb li m'hawnx aqwa minni u li ħadd mhu aħjar minni? U żgur li għandi bżonn, u aktar kemm ninduna malajr, aktar aħjar. Dan hu l-aħjar żmien biex ninduna!

**It-tieni miġja** – Ġesu' jiġi f'ħajti kuljum b'mod misterjuż...jiġi b'mod ġentili, umli u mingħajr ħafna storbju u xinxilli. Hu jiġi f'talba jew tnehida siekta fil-qalb, jiġi fi tbissima, f'telefonata mingħand ħabib, f'kelma ta' kuraġġ, f'persuna fil-bżonn li tqannqlek tgħin, f'att ta' karita', fi ġrajja li tidher iebsa, hu jiġi fil-maħfra li tagħti jew tirċievi, jiġi fit-tqarbina, fir-Rużarju, fil-qrar u s-sagramenti l-oħra. Hu jiġi kuljum fi Knisja mimlija dnubiet u nuqqasijiet f'dinja mġarrba! It-traġedja hi li din il-miġja wisq probabbli lanqas ninduna biha. Huma njorawh f'Betlehem, ma fehmuhx u keċċewh mill-Galilija, qatluh f'Gerusalemm. U jien? Qed nagħmel hekk ukoll? Għadni nistennieh lil Ġesu' fil-preżent? Ħa nistenbaħ, għax Ġesu' jiġi f'ħajti kuljum.



**It-tielet miġja** - Fl-ewwel miġja Ġesu' ġie bħala tarbija fraġli li

ndunaw biha biss Marija, Ġużeppi, ir-rgħajja u l-Maġi. Fit-tielet miġja Hu ġej bħala mħallef omnipotenti, meta kull ħlejqa tinżel għarkobbtejha quddiemu. L-Avvent hu żmien mill-aqwa biex naħseb fuq Ġesu' li ġej fil-glorja fl-aħħar taż-żmien. Kull ħaġa sabiħa li hawn fid-dinja hija biss dell ta' dak li hemm jistenniena fil-glorja. Mela naħseb fl-eternita' u nsaqsi lili nnifsi: Kull kelma li ngħid u kull azzjoni li nieħu f'din il-ħajja, kif se tidher fil-Jum li Ġesu' ġej fil-glorja?

Dan l-Avvent dawwar il-ħarsa tiegħek mimlija ġudizzji minn fuq l-oħrajn u itfagħha fuqek innifsek biex tipprepara lilek innifsek għas-Salvatur. U itlob kuljum u x'ħin trid din it-talba qasira mill-isbaħ – **Ejja Mulej Ġesu'**. Il-Mulej diġa' rrisponda u ġie, qiegħed jirrispondiha issa stess, u se jerġa' jirrispondiha!! Kemm hu sabiħ li tkun Nisrani!

**Kunċert tal-Milied mill-Joy Gospel Choir f'egħluq il-50 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali b'kollaborazzjoni mat-tfal tad-**



**Duttrina, nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2014 fis-7.00pm,**
**fil-Knisja Parrokkjali,**
**Qalb bla Tebgħa ta' Marija Burmarrad.**
**Fit-tmiem issir il-Premjazzjoni tat-Tfal li jattendu d-Duttrina.**
**Kulħadd huwa mistieden.**

# Tajjeb Tkun Taf

- Qegħdin tirċievu envelope mal-fuljett sabiex tagħtu d-donazzjoni ta' Strina lil Parroċċa fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena 2015. Grazzi mill-qalb tal-offerta li tista' toffri.

- Se jkun hemm fejn il-bieb tal-Knisja qfief matul dan iż-żmien tal-Avvent sabiex jinġabru preserves biex ngħinu lill-Istitut tal-Creche ta' Tas-Sliema u lil xi familji fil-bżonn. Min irid jista' jagħti donazzjoni.

- Kompetizzjoni tal-Milied għall-isbaħ armar tal-Milied fid-dar, bil-Bambin u l-presepju. Ħallu isimkom u l-indirizz fis-sagristija. Il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru mis-7.00pm 'il quddiem jiġu jżurukom membri tal-ġurija.

- Party għat-tfal kollha tal-Parroċċa ser isir nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn it-3.30pm u s-6.00pm. Ġenituri ħallu l-ismijiet tat-tfal tagħkom fis-sagristija. Tfal sa 6 snin għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġenituri. Dak in-nhar tingħata donazzjoni lill-Kappillan.

- Nifirħu u nawguraw lil żewġ żgħażagħ, Robert Calleja u Roderick White li ngħaqdu ma' Michael Grech (iben din il-Parroċċa) fil-Kulleġġ tal-Postulanti fil-Kunvent tal-Qawra. Nitolbu għalihom.

- Il-Ħadd 18 ta' Jannar 2015 infakkru l-44 sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa. Quddiesa Solenni fil-għaxija.

- Il-Kwaranturi fil-Parroċċa se jsiru bejn it-23 u l-25 ta' Jannar 2015.

Tel: 21573045/ Fax:21578118 Mobile: 77622275
www.parroċċaburmarrad.com email:kappillan@parroċċaburmarrad.com
https://www.facebook.com/parroccaburmarrad